



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.4.2015
SWD(2015) 88 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iskema
volontarja tal-ekodisinn għall-consoles tal-logħob**

{COM(2015) 178 final}
{SWD(2015) 89 final}

Sommarju Eżekuttiv

“Apparat tal-ħoss u tal-immaġini”, ġie identifikat bħala grupp kandidat ta’ prodotti għal miżuri possibbli tal-Ekodisinn, li jinkludu consoles tal-logħob, vidjow plejers/reġistraturi u proġekters. Id-Direttiva dwar l-Ekodisinn 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ li tistabbilixxi qafas għall-Kummissjoni biex tiffissa rekwiżiti għall-ekodisinn permezz ta’ regolamenti, jew għall-industrija biex jagħmlu inizjattivi awtoregulatorji. L-impatti ta’ miżuri ta’ politika potenzjali huma vvalutati f’konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva, flimkien ma’ miżuri possibbli skont id-Direttiva 2010/30/KE² dwar it-Tikkettar marbut mal-Enerġija.


Meta mqabbel ma’ Regolamenti oħra dwar l-Ekodisinn, il-potenzjal ta’ ffrankar tal-enerġija ta’ dan il-grupp ta’ prodotti huwa relattivament moderat. L-enerġija ffrankata fl-apparat tal-ħoss u tal-immaġini tammonta għal madwar 2.5 TWh fis-sena; dan jiqabbel ma’ 215 TWh fis-sena għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għall-Ħiters tal-Post, u 16 TWh fis-sena għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għall-Kompjuters. L-analiżi ppreżentata f’dan ir-rapport titqies proporzjonata mal-iffrankar mistenni.

Din il-valutazzjoni tal-impatt tevalwa wkoll jekk l-inizjattiva awtoregulatorja tal-industrija tistax titqies bħala miżura ta’ politika alternattiva.

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-problema hija li l-prestazzjoni ambjentali tal-apparat tal-ħoss u tal-immaġini tista’ tittejjeb, u li l-penetrazzjoni fis-suq ta’ prodotti aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija hija aktar baxxa milli tista’ tkun. Il-konsegwenzi huma li l-innovazzjoni ma tithegġigx biżżejjed, u li l-ispejjeż tal-enerġija għall-utenti tal-apparat huma ogħla minn kemm hu ekonomikament meħtieġ.

Verifika tad-dejta tas-suq disponibbli turi li fl-2012 fl-UE nbiegħu bejn wiehded u ieħor, madwar 50 miljun vidjow plejer u reġistraturi, 12-il miljun console tal-logħob u żewġ (2) miljuni proġekters. Kollha flimkien dawn jikkonsmaw madwar 8.5 TWh ta’ elettriku fis-sena, u fl-2020 il-konsum huwa mistenni li jiżdied għal 13 TWh. Il-previżjoni tas-suq sabet li l-vidjow plejers/reġistraturi u l-proġekters se jisparixxu gradwalment mis-suq. Iċ-ċifri tal-bejgħ għall-vidjow plejers/reġistraturi u l-proġekters qegħdin attwalment jonqsu b’10 % fis-sena jew anqas, u dan it-tnaqqis se jkompli hekk kif it-teknoloġiji l-oħra jkomplu jieħdu post dejjem aktar dawn il-prodotti.



Grafika 1: Iż-żamma tal-istatus quo (BaU)— Il-Konsum tal-Enerġija tal-UE għall-Prodotti kollha

¹ ĠU L 285, 31.10.2009

² ĠU L 153, 18.06.2010

Il-problema ewlenija dwar il-consoles tal-logħob hija li l-konsum tal-enerġija tagħhom qiegħed dejjem jikber minħabba li l-prestazzjoni u l-funzjonalitajiet tal-logħob qed jespandu b'rata mgħaġġla. Il-potenzjal tagħhom ta' ffrankar ta' enerġija annwali ġie stmat għal madwar 1.5 TWh fis-sena, sas-sena 2020. Il-kwistjoni ewlenija għal dan ir-rapport hi jekk it-tendenzi attwali tal-konsum tal-enerġija tal-consoles tal-logħob jistgħux jitnaqqsu b'mod sinifikanti bi ftehim volontarju, jew jekk hemmx bżonn tal-introduzzjoni ta' miżuri obbligatorji ta' ekodisinn jew tikkettar marbut mal-enerġija.

2. OBIETTIVI

L-istudju preparatorju³ u l-Valutazzjoni tal-Impatt (VI) sabu li hemm potenzjal kosteffikaċi biex jonqos il-konsum tal-enerġija tal-apparat tal-ħoss u tal-immaġini, u li bħalissa l-potenzjal sħiħ mhux qed ikun sfruttat. Għalhekk l-oġġettiv huwa li jiġi analizzat jekk miżuri ta' ekodisinn jew tikkettar marbut mal-enerġija, fosthom l-awtoregolamentazzjoni, jistgħux jgħinu jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-politika dwar l-enerġija tal-20/20/20.

F'konformità mal-premessi 18 u 19 u mal-Artikolu 15(6) tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, għandu jiġi investigat jekk l-awtoregolamentazzjoni tistax tkun l-għażla preferuta. Għall-prodotti tal-apparat tal-ħoss u tal-immaġini li jissodisfaw il-kriterji tal-ekodisinn, l-oġġettiv ġenerali huwa li jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet tas-suq u biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija b'mod proporzjonat u kosteffikaċi, mingħajr ma tiġi affettwata l-funzjonalità.

3. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

Ġew ikkunsidrati l-miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li ġejjin:

- L-Għażla 1: L-ebda azzjoni mill-UE (xenarju bażi)
- L-Għażla 2: L-Awtoregolamentazzjoni (Ftehim Volontarju skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn)
- L-Għażla 3: Il-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Ekodisinn
- L-Għażla 4: Il-Miżuri ta' Tikkettar marbut mal-Enerġija

Consoles tal-logħob

L-Għażla 1 hija inklużi fl-analiżi mhux biss għal finijiet ta' tqabbil, iżda wkoll bħala għażla vijabbli fiha nnifisha. Din l-għażla timplika li se jippersistu l-ostakoli għall-potenzjali biex tittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija tal-consoles tal-logħob. Għalkemm il-consoles qed isiru relattivament aktar effiċjenti, il-konsum tal-enerġija se jiżdied, iżda b'mod inqas rapidu mill-prestazzjoni tal-logħob.

L-Għażla 2: Fl-2012, tliet manifatturi tal-consoles tal-logħob (Microsoft, Nintendo u Sony) ippreżentaw lill-Kummissjoni proposta komprensiva tal-industrija għall-consoles tal-logħob. Bl-eċċezzjoni tal-partijiet meħtieġa ta' monitoraġġ u rappurtar, dan kien fih l-elementi essenzjali kollha, u għalhekk jitqies suffiċjenti biex tiġi evalwata din l-inizjattiva bħala alternattiva għall-miżura regolatorja ta' implimentazzjoni.

Il-proposta hija bbażata fuq approċċ issimplifikat bir-rekwiżiti għal żewġ modalitajiet operattivi: "media playback/streaming" u "navigazzjoni". Dawn il-modalitajiet huma sempliċi biex jiġu ttestjati. Ir-rekwiżiti ta' konsum tal-elettriku fil-modalitajiet operattivi huma 90 W fl-2013, u 70 W fl-2017. Il-proposta tal-industrija ma ttrattax il-modalità tal-logħob minħabba nuqqas ta' metrika ta' prestazzjoni.

³ See <http://www.ecomultimedia.org/>

L-Għażla 3 għandha l-għan li ttejjeb l-impatt ambjentali tal-consoles tal-logħob billi jiġu ffixxati livelli massimi obbligatorji għall-konsum tal-enerġija tagħhom. Din hi bbażata fuq il-kunċett tekniku tal-proposta tal-industrija, iżda b'limiti aktar stretti ta' enerġija. Ir-rekwiżiti ta' konsum tal-elettriku fil-modalitajiet operattivi huma 70 W fl-2014, u 50 W fl-2017. Din tippromponi aktar rekwiżiti tal-“provvista tal-enerġija” u tal-“għestjoni tal-qawwa”. It-tfassil ta' din l-għażla ma setax jikkunsidra prestazzjoni jew funzjonalitajiet possibbilment estenzi fil-futur tal-ġenerazzjonijiet li jmiss tal-consoles tal-logħob, peress li huma diffiċli li jiġu previsti.

L-Għażla 4: L-approċċ tat-tikketta obbligatorja tal-UE marbuta mal-enerġija għandu l-għan li jikkategorizza l-prodotti skont il-klassi ta' effiċjenza billi titħaddem kategorizzazzjoni minn A sa G sal-2014. Madankollu, hemm biss tliet tipi ta' prodotti/mudelli ewlenin, wieħed manifatturat minn kull manifattur, u l-arkitetturi tal-prodott u l-prestazzjoni tal-logħob iwarjaw ħafna bejn it-tliet prodotti differenti. Dan ifisser li hemm differenzi konsiderevoli fil-funzjonalità u l-konsum tal-enerġija bejn il-prodotti ta' kull manifattur, li jistgħu jagħmlu t-tikkettar mhux effettiv.

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor il-livelli massimi ta' konsum tal-enerġija tal-erba' (4) għażliet kollha għall-consoles tal-logħob:

	Għażliet Politiċi							
	L-ebda azzjoni	2 Il-proposta tal-industrija		3 L-ekodisinn		4 Tikkettar marbut mal-Enerġija		
Rekwiżiti f'Watt ($\leq$ W)		Livell 1 2013	Livell 2 2017	Livell 1 2014	Livell 2 2017	Klassi tat-tikkettar	Livell 1 2014	Livell 2 2017
Il-modalità tal-Media Playback		90	70	70	50	A B C	30 40 50	15 25 35
Il-modalità ta' navigazzjoni		90	70	70	50	D E F G	60 70 80 90	45 55 60 70

Tabella 1: Taqsira — L-Għażliet dwar il-Consoles tal-Logħob

Vidjow plejers/ Reġistraturi

L-Għażla 1: L-għażla tax-xenarju bażi tista' tiġi kkaratterizzata minn xejra ċara ta' tnaqqis fil-bejgħ. Din it-tendenza se tkompli tiżdied minħabba l-bidliet teknoloġiċi lejn is-separazzjoni tal-hard/optical drive mill-prodott u lejn xandir bl-istreaming li jneħħu l-ħtieġa għal dawn il-prodotti.

L-Għażla 2 twarrbet peress li ma ġiet proposta l-ebda inizjattiva ta' awtoregolazzazzjoni mill-industrija.

L-Għażla 3: Għażliet politiċi b'rekwiżiti ta' ekodisinn ġew żviluppati fl-istudju preparatorju fl-2010, u vvalutati mill-ġdid fid-dawl ta' tagħrif tekniku ġdid u r-ripsons tal-industrija. Il-

proposta riveduta u aktar strinġenti hija bbażata fuq il-modalitajiet operattivi simili għall-on-play u għandha skadenzi ta' żmien aġġornati li jibdeu fl-2014.

L-Għażla 4 twarrbet peress li t-tikkettar marbut mal-enerġija għall-vidjow plejer/reġistratur ma nstabx pertinenti minħabba l-konsum relattivament baxx tal-enerġija tagħhom, u l-potenzjal limitat ta' titjib.

Proġekters

L-Għażla 1: Mingħajr azzjoni tal-UE, ix-xenarju bażi jiġi kkaratterizzat minn xejra ċara ta' tnaqqis fil-bejgħ peress li l-applikazzjonijiet jinbidlu b'televiżjonijiet bi skrin wiesa'.

L-Għażla 2 twarrbet għall-proġekters peress li din l-inizjattiva ma ġietx proposta mill-industrija.

L-Għażla 3 ssejset fuq xenarji ta' politika riveduti u aġġornati fl-istudju preparatorju. Ir-rekwiżiti huma bbażati fuq valutazzjoni tat-teknoloġija disponibbli, u jipproponu rekwiżiti tal-effiċjenza tad-dawl.

L-Għażla 4: Tikketta għall-proġekters tkun kumplessa iżda fattibbli. L-għażla tat-tikkettar hija bbażata fuq ir-rekwiżiti u dwar s-suppożizzjonijiet simplifikati ssuġġeriti fl-istudju preparatorju. Dan jirriżulta f'titjib fl-effiċjenza mill-2016 'il quddiem.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali tal-għażliet miżmuma għall-analiżi fil-fond, għat-tliet tipi ta' prodotti fil-grupp kollu tal-“apparat tal-ħoss u tal-immaġini”.

Consoles tal-logħob	Vidjow plejers / reġistraturi	Proġekters
- L-Għażla 1 L-ebda azzjoni mill-UE - L-Għażla 2 Proposta tal-Industrija - Awto-regolamentazzjoni - L-Għażla 3 Eekodisinn Obbligatorju - L-Għażla 4 Tikkettar obbligatorju marbut mal-enerġija	- L-Għażla 1 L-ebda azzjoni mill-UE - L-Għażla 3 Eekodisinn Obbligatorju	- L-Għażla 1 L-ebda azzjoni mill-UE - L-Għażla 3 Eekodisinn Obbligatorju - L-Għażla 4 Tikkettar obbligatorju marbut mal-enerġija

Tabella 2: L-għażliet miżmuma Consoles tal-logħob, Vidjow Plejers/ Reġistraturi u Proġekters

4. ANALIŻI TAL-IMPATT

L-għan globali ta' din it-taqsimha huwa li jiġi evalwat b'mod ġenerali l-iffrankar tal-enerġija u l-karbonju skont parametri oħra, bħalma huma l-impatti ekonomiċi u soċjali. Il-valutazzjoni hija implimentata f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(5) tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn filwaqt li qieset l-impatti fuq il-manifatturi, inklużi l-SMEs. L-għan huwa li jinstab bilanċ bejn li jintlaħaq il-livell xieraq ta' ambizzjoni u l-benefiċċji assoċjati għall-ambjent/l-utent fuq naħa waħda, u l-piżijiet potenzjali għall-manifatturi, fuq in-naħa l-oħra.

Peress li kważi l-vidjow plejers/reġistraturi, proġekters u l-consoles tal-logħob kollha tas-suq tal-massa jiġu mmuntati fiċ-Ċina, prattikament il-manifatturi tal-UE mhux se jiġu affettwati.

L-ispejjeż marbuta mat-teknoloġija u l-produzzjoni mtejbja, u d-disinn mill-ġdid, prinċipalment se jinġarrbu minn manifatturi mhux mill-UE.

Impatt ekonomiku

L-impatti ekonomiċi l-aktar importanti tal-għażliet miżmuma nġabru fil-qosor hawn taħt.

Consoles tal-logħob

L-Għażla 2 (Proposta tal-Industrija: Awto-regolamentazzjoni) ma tinvolvi spejjeż kbar addizzjonali peress li l-manifatturi stess diġà introduċew il-bidliet meħtieġa fil-pjanijiet tagħhom ta' produzzjoni.

L-Għażla 3 (ir-rekwiżiti tal-Ekodiżinn Obbligatorju) jeħtieġu bidliet fil-prodotti, li jistgħu jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tal-ispejjeż tal-manifattura għal kull unità, iżda l-bidliet meħtieġa probabbilment se jżidu ftit il-prezz finali. Min-naħa l-oħra, il-konsumaturi jistgħu jiffrankaw l-enerġija minn komponenti aktar effiċjenti. Minħabba l-kompetizzjoni qawwija bejn it-tliet atturi globali, m'hemm l-ebda informazzjoni rigward id-dettalji tal-futur. Għalhekk huwa ferm diffiċli li jiġu stmati b'mod preċiż l-impatti fuq ix-xerrejja u l-affordabilità tal-consoles.

L-Għażla 4 (Tikkettar Obbligatorju marbut mal-Enerġija) se tinvolvi spejjeż addizzjonali minuri li juru l-klassijiet tal-enerġija fuq it-tikketta iżda ma tinvolvi spejjeż żejda fil-produzzjoni. Il-manifatturi jistgħu jissettjaw il-pass ta' kull titjib fl-effiċjenza li jixtiequ jimplimentaw.

Vidjow plejers/ reġistraturi

Bl-implimentazzjoni tal-Għażla 3 fl-2014, il-livelli suġġeriti għal regolamentazzjoni ma jkunux jinvolvu bidliet sostantivi fil-prodotti għas-suq tal-massa, peress li ftit li xejn hemm lok għal titjib. L-impatti se jkunu minimi, u l-ispiża se tkun baxxa jekk mhux ineżistenti.


Proġekters

L-Għażla 3 tista' tirriżulta f'żieda fl-ispejjeż tal-manifattura, riflessa f'żieda fil-prezz tal-prodott għall-konsumatur biex tkopri provvisti tal-enerġija b'effiċjenza mtejbja u effiċjenzi mtejbja fid-dawl. M'hemm bżonn l-ebda bidliet sinifikanti fid-disinn biex jintlaħqu r-rekwiżiti. Diffiċli li titbassar l-affordabbiltà, kemm fir-rigward ta' kif l-ispejjeż tal-manifattura jistgħu jgħaddu għand il-konsumaturi, kif ukoll f'dik li hi l-kompetizzjoni ta' proġekters bl-iskrin li jiswew aktar.

L-Għażla 4 mhix mistennija li tinvolvi spejjeż sinifikanti fil-katina tal-provvista.

Impatti Ambjentali

Il-konsum tal-elettriku għall-gruppi kollha ta' prodotti ġie analizzat u stmat permezz ta' eżerċizzju ta' mmudellar, b'mudell ta' żvilupp issuġġerit minn esperti tekniċi fil-gruppi tal-prodotti.



Grafika 2: L-evoluzzjoni tal-konsum tal-Enerġija fis-Sena — Consoles tal-logħob

Il-konsum annwali tal-elettriku tal-panels tal-logħob huwa stmat li kien madwar 4.6 TWh fl-2010 fl-UE-27, u huwa stmat li jiżdied għal 11 TWh fis-sena fl-2020 (BaU). Il-Grafika 2 turi li l-konsum tal-enerġija jiżdied b'mod uniformi għall-għażliet kollha. Sal-2020, l-iffrankar potenzjali tal-għażliet kollha ta' intervent huwa simili, b'vantaġġ żgħir ħafna għall-għażla tal-ekodisinn. Sal-2025, iż-żewġ għażliet ta' regolamentazzjoni obbligatorja jwasslu għal 16% ta' ffrankar ta' enerġija jiġifieri, bejn wiehied u ieħor id-doppju tal-iffrankar tal-proposta tal-industrija li tagħti 8% f'iffrankar ta' enerġija.

Vidjow plejers / reġistraturi

Il-konsum tal-elettriku tal-għażla taż-“żamma tal-istatus quo” għall-vidjow plejers u r-reġistraturi jidhru qabel, fil-Figura 1. Qed jitbassar li l-konsum tal-elettriku jonqos b'mod stabbli, u jaqa' għal zero sal-2025. L-Għażla 3 ta' ekodisinn obbligatorju taċċellera t-tnaqqis fl-użu tal-enerġija u, sal-2015 u 2016, tkun qed tipprova għal tnaqqis akbar, iżda tagħmel rigress lejn il-kurva tax-xenarju bażi fil-medda itwal ta' żmien.

Proġekters

Skont il-previżjonijiet ta' mmudellar, il-konsum tal-elettriku tal-proġekters jonqos bl-istess mod tal-vidjow plejers/ reġistraturi. L-għażliet regolatorji ma jkollhom l-ebda effetti sinifikanti, u ma jżidux it-tnaqqis kostanti fl-użu tal-enerġija.

Impatti Soċjali

Għall-għażliet politiċi kollha vvalutati, ir-riskju ta' telf ta' impjegi huwa mistenni li jkun baxx ħafna. Għall-miżuri regolatorji, l-istrateġija f'diversi stadji u żmenijiet se tippermetti lill-manifatturi jadattaw għar-rekwiżiti tal-Ekodisinn fil-waqt it-tajjeb.

Fi ħdan l-UE, hemm biss numru żgħir ta' SMEs involuti indirettament, pereżempju, dawk li jiżviluppaw is-softwer tal-logħob iżda għal xi vidjow plejers/reġistraturi “high end”, jew għall-importazzjoni u jew għall-bejgħ bl-imnut, u dawn mhux se jiġu affettwati b'mod partikolari.

Il-prezzijiet mhumiex mistennija li jinbidlu sal-punt li l-affordabbiltà tista' tkun affettwata b'mod negattiv, speċjalment fis-swieq bħalma huma dawk tal-proġekters u l-vidjow plejers li qed jonqsu.

Impatti oħra

Ir-Rapport sħiħ dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt jivvaluta f'aktar dettall spejjeż ekonomiċi u impatti soċjali ulterjuri. Fil-qosor, dawn l-impatti huma mistennija li jkunu marġinali fl-UE.

5. PARAGUN TAL-GĦAŻLIET TA' POLITIKA

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor l-istima tal-iffrankar tal-elettriku u l-karbonju attribwibbli għall-għażliet politiċi preferuti mqabbla ma' xenarju ta' żamma tal-*status quo* (BaU).

Tabella — Iffrankar Annwali tal-Elettriku u l-Karbonju (Mt CO₂) vs. BaU:				
	2020		2025	
	Iffrankar ta' Elettriku (GWh/a)	Iffrankar ta' Karbonju (Mt CO₂ eq/a)⁴	Iffrankar ta' Elettriku (GWh/a)	Iffrankar ta' Karbonju (Mt CO₂ eq/a)
Consoles tal-logħob				
L-Għażla Politika 2 — Il-Proposta tal-Industrija	1,020	0.408	1,122	0.449
L-Għażla Politika 3 — Ir-Rekwiżiti tal-Ekodisinn Obbligatorju (ir-Regolament)	1,461	0.584	2,395	0.958
L-Għażla Politika 4 - Tikkettar obbligatorju Marbut mal-Enerġija	1,115	0.446	2,124	0.849
Vidjow plejers/ reġistraturi				
L-Għażla Politika 3 — Ir-Rekwiżiti tal-Ekodisinn Obbligatorju (ir-Regolament)	360	0.145	50	0.020
Proġekters				
L-Għażla Politika 2 — Ir-Rekwiżiti tal-Ekodisinn Obbligatorju (ir-Regolament)	6	0.002	2	0.001
L-Għażla Politika 3 - Tikkettar obbligatorju Marbut mal-Enerġija	62	0.025	23	0.009

Tabella 3: Sommarju tal-impatti annwali kwantifikati — 2020 u 2025

It-Tabella 3 turi li l-potenzjal ta' ffrankar mill-consoles tal-logħob huwa ħafna aktar sinifikanti minn dak taż-żewġ gruppi ta' prodotti l-oħra.

⁴ Suppożizzjoni: 0.4 kg CO₂/kWh wara MEERp

5.1. Consoles tal-Logħob

L-għażla regolatorja b'miżuri tal-ekodisinn (l-Għażla 3) fuq medda twila ta' żmien twassal — sal-2025 — għall-akbar iffrankar (2.4 TWh fis-sena), u għalhekk tipprovdi l-aħjar benefiċċji ambjentali, iżda għandha wkoll l-akbar impatti ekonomiċi u soċjali. L-għażla dwar it-tikkettar marbut mal-enerġija (l-Għażla 4) għandha effetti simili għall-għażla tal-ekodisinn, iżda tkun kemxejn inqas effettiva f'dawk li huma impatti ambjentali u ffrankar (2.1 TWh fis-sena). L-għażla tal-awtoregolamentazzjoni (l-Għażla 2) għandha l-iżgħar impatti ekonomiċi u soċjali, iżda fuq medda twila ta' żmien twassal għal iffrankar ta' 1.1 TWh fis-sena biss biex b'hekk tiġi bejn l-għażla "l-ebda azzjoni" u l-għażla regolatorja.

Madankollu, l-Għażla 2 għandha l-vantaġġ li hija diġà effettiva fuq medda ta' żmien qasir jew medju. L-iffirankar annwali tal-elettriku ta' 1 TWh tal-Għażla 2, jista' jissarraf f'madwar EUR 200 miljun ta' ffrankar ta' spejjeż fuq l-elettriku għall-konsumaturi. Ir-referiment għal previżjoni fuq medda ta' żmien medju huwa aktar affidabbli minn dak għal previżjoni ta' medda ta' żmien fit-tul peress li l-iżviluppi teknoloġiċi u l-bidliet fis-suq għal tali apparat elettroniku huma rapidi ħafna.

5.2. Vidjow Plejers/ Reġistraturi

L-għażla tal-ekodisinn obligatorja tagħti xi ffrankar ulterjuri meta mqabbla mal-għażla taż-*"żamma tal-istatus quo"* (BaU), iżda b'mod ġenerali l-iffirankar potenzjali huwa baxx ħafna. L-għażla preferuta għal dan il-grupp ta' prodotti huwa għalhekk l-Għażla 1, "L-ebda azzjoni".

5.3. Proġekters

L-analiżi turi li l-għażliet politiċi kollha f'it jagħtu benefiċċji ambjentali, biex b'hekk f'it ikollu saħħa dak l-argument favur affarijiet oħra għajr li jinżamm ix-xenarju bażi. L-għażla preferuta hija għalhekk l-Għażla 1, "L-ebda azzjoni".

6. KONKLUŻJONIJIET

Għall-consoles tal-logħob, l-Għażla 2 tal-awtoregolamentazzjoni hija l-għażla preferuta. Din tipprovdi l-aqwa vantaġġi, għandha l-aħjar proporzjon bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji, u tipprovdi l-aqwa titjib fl-effiċjenza tal-enerġija. Din tgħin biex tissolva l-problema tal-kontinwità fix-xejra pożittiva attwali għal effiċjenza fl-enerġija. F'dan is-settur dinamiku, l-Għażla 2 tiġġenera kważi ffrankar simili għall-alternattiva ta' rekwiżiti tal-ekodisinn obligatorju jew it-tikkettar marbut mal-enerġija, tipprovdi l-flessibbiltà, u tippermetti aġġornament aktar mgħaġġel tal-livelli ta' mira, u għorr inqas piż amministrattiv. L-għażla tal-awtoregolamentazzjoni hi magħmula minn kontribuzzjoni ta' 1 TWh kull sena fi ffrankar ta' enerġija lejn il-mira 20/20/20.

L-inizjattiva awtoregulatorja proposta mill-manifatturi tal-consoles tal-logħob fl-aħħar għet riveduta f'Novembru 2014 għas-sodisfazzjon tas-servizzi kollha tal-Kummissjoni. Qed jiġi ssuġġerit li l-proposta, u speċjalment is-sistema ta' monitoraġġ, jiġu riveduti sa tmiem l-2017.